**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Ian Joseph Abdilla)**

**vs.**

**Joseph Mary Difesa**
**Jennifer (Genoveffa) Bonnici neé Difesa**
**Joan Difesa**

Numru: 163/2005

Illum 30 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Joseph Mary Difesa**, ta' tlieta u hamsin (53) sena, bin il-mejjet Joseph u l-mejta Maria neé Farrugia, imwieled il-belt Valletta fil-21 ta' Settembru 1951, u li joqghod f'Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 723051(M)

**Jennifer (Genoveffa) Bonnici neé Difesa**, ta' erbghin (40) sena, bint il-mejjet Jospeh Difesa u l-mejta Maria neé Farrugia, imwielda l-belt Valletta, fit-12 ta' Jannar 1965 u li toqghod f'Numru 68, Flat 2, Triq l-Lvant, Valletta, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 101965(M)

u

**Joan Difesa**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Joseph u Rita neé Grech, imwielda Pietà fit-8 ta' Gunju 1982, u li toqghod f'Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 360882(M)

akkuzati talli:

1. fil-21 ta' Awwissu 2003 gewwa l-belt Valletta

   (a) iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid: jew

   (b) ghamlu uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

   (c) xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb tal-kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq:

   u cioé diversi CDs u DVDs (dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data u lok, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor

irriproducew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha (dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**<u>Lil Joseph Mary Difesa wahdu</u>**:

3. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6, 7, u 7A).

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 72 *et seq.*) taw id-depozizzjoni taghhom l-imputati kollha.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' April 2015 (*a fol.* 115 *et seq.*) regghu taw id-depozizzjoni taghhom l-imputata Jennifer Bonnici u l-imputata Joan Difesa.

**<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 135 *et seq.*).</u>**

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 141), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 142), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jirrimettu ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2006, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Ian Joseph Abdilla** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li fil-21 ta' Awwissu 2003 kienu nstabu mill-Pulizija numru ta' CD's gol-fond 154, St. Christopher Street, Valletta. Go dan il-fond kien hemm l-imputata Joan Difesa u l-imputata Jennifer Bonnici u wara kien mar ukoll l-imputat Joseph Difesa. Jixhed li Joan Difesa u Joseph Mary Difesa huma noti maghhom peress li huma *hawkers* fuq il-monti u jbieghu s-CDs. Jghid li acceda fuq il-post u li Joseph Difesa ammetta li s-CDs li nstabu fil-fond kienu tieghu mentri l-fond u l-kontenut ma kienux tieghu. Jghid li t-tlett persuni ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn ittiehditilhom stqarrija. Ezebixxa s-segwenti: l-istqarrijiet rilaxxati mit-tliet imputati li gew immarkati bhala Dok. "JB", "JD 1" u "JD" (*a fol.* 21 *et seq.*), 2477 CD tal-muzika (formalment) u 1167 DVD (formalment) li kienu gew elevati mill-fond bhala Dok. "IA", rcevuta mmarkata bhala Dok. "IA 1" (*a fol.* 27), u numru ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "IA 2" (*a fol.* 28).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-16 ta' April 2015 (*a fol.* 121 *et seq.*), meta gie mistoqsi jghid jekk dakinhar tal-akkadut l-imputat Difesa kienx fuq il-post wiegeb li ma kellux idea peress li mal-imputat Difesa kellhom numru ta' kazijiet ohra. Jghid li ma ghandux idea jekk l-imputat Difesa nehhix il-licenzja ta' *hawker* pero filwaqt li jghid li ilu madwar tmien (8) snin ma jkollhom x'jaqsmu mal-imputat Difesa, qal li l-imputat Difesa ma ghadux ikun fuq il-monti. Jghid li meta l-imputat Difesa kellu t-tilari fuq il-monti u kienu jinqalghu sitwazzjonijiet simili, il-Pulizija kienet tinterroga lill-imputat Difesa u dana allavolja ma kienx ikun prezenti fuq il-post u kien ikun hemm it-tfal tieghu. Jghid li dan kien isir peress li l-permess kien jghajjat lill-imputat Difesa. Jahseb li fis-sena 2003 l-imputat Difesa kien ghadu l-*licensee*. Ghad-domanda: *"Jekk nissuggerilek li gieli fil-kors ta' l-investigazzjonijiet precedenti mhux l-ewwel darba li Joe Difesa allavolja ma jkunx prezenti fuq il-post kif appena tghidlu li nstabu oggetti ghand jew fil-pussess ta' uhud mit-tfal tieghu kien jaqbad jiddikjara li "iva dawk huma tieghi""* (*a fol.* 122), wiegeb: *"Gieli iva, biex ma jdahhalx lit-tfal tieghu fl-inkwiet"* (*a fol.* 123). Mistoqsi jghid ghala meta beda jaghmel interrogazzjoni tal-imputata Bonnici, beda jaghmlilha domandi fuq il-familja Formston, wiegeb li f'dak il-perjodu ma' kienitx l-ewwel darba li kienu ltaqghu mal-familja Formston f'investigazzjonijiet relatati ma' affarijiet fuq il-monti. Jghid li jista' jaghti l-kaz li staqsieha dik l-informazzjoni fir-rigward tal-garaxx fejn gew imwaqqfa l-imputata Difesa u Brincat peress li setgha kellu xi informazzjoni jew xi hjiel dwar min kien sid il-garaxx in kwistjoni. Jghid li ma ghandux idea jekk il-garaxx in kwistjoni kienx fil-pussess ta' certu persuna bil-kunjom Formston. Jghid: *"Jista' jkun li kellna xi ndikazzjonijiet li l-familja Formston, Anthony Formston, li gie anke mressaq il-Qorti u l-familja tieghu kellhom jew fil-pussess taghhom dak il-garaxx jew kien mikri ghandhom jew kellhom x'jaqsmu mieghu"* (*a fol.* 123). Ghad-domanda: *"U nghid sew li t-tnejn li huma [Anthony u Renald ahwa Formston] xi darba jew ohra kellhom investigazzjonijiet kondotti fil-konfront taghhom mit-taqsima tieghek?"* (*a fol.* 124), wiegeb: *"Iva Anthony iltqajt hafna iktar mieghu milli huh Renald. Anthony Formston ghamel perjodu iktar kien fuq il-linja tad-DVDs, imbaghad kien qaleb fuq affarijiet ta' hwejjeg. Renald sa fejn niftakar jien dejjem fuq hwejjeg kien. Kellu kaz wiehed mieghi"* (*a fol.* 124).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, xehed l-imputat **Joseph Mary Difesa** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn qal li fis-2.30pm l-Ufficjal Prosekutur Abdilla kien infurmah li kien instab xi xoghol go garaxx li huwa tar-ragel tal-kugina tieghu. Jghid li dan il-garaxx ma kienx mikri lilu. Jispjega li kien mar id-Depot u li gie akkuzat fir-rigward tas-CDs. Jghid li f'dak iz-zmien ma kienx ghadu jbiegh is-CDs u li l-licenzja kienet fuq it-tifla. Jghid li la hu u anqas bintu ma kellhom x'jaqsmu mal-garaxx. Jghid li wara l-monti bintu kienet tmur il-garaxx biex tinhasel peress li fuq kien hemm qisu dar zghira.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, xehdet ukoll l-imputata **Jennifer Bonnici** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjegat illi l-imputat Difesa huwa huha. Tghid li hija toqghod il-belt Valletta u li zewgha Mario Bonnici kien jarma fuq il-monti. Tispjega li dakinhar tal-akkadut hi marret hdejn zewgha, nizlet u rat lill-imputata Joan Difesa, it-tifla ta' huha, diehla go bieb ta' garaxx, marret warajha u peress li kien hemm il-bieb imbexxaq dahlet u qabdet tpacpac maghha. Tixhed li f'daqqa wahda gew il-Pulizija. Tispjega li s-soltu wara l-monti Joan Difesa kienet tmur tiehu *shower* go dan il-garaxx. Tghid li hi ma ghandha x'taqsam xejn ma' dak li nstab.

**Jennifer Bonnici** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' April 2015 (*a fol.* 116 *et seq.*) fejn qalet li hija giet imwaqqfa zewg kantunieri l-boghod mid-dar taghha. Tghid li ilha mizzewga tletin sena u li zewgha kien jahdem il-monti. Tispjega li dakinhar tal-akkadut marret tghin lil zewgha u wara ltaqet mal-imputata Joan Difesa, it-tifla ta' huha, fil-bieb tal-garaxx u li kienet qaltilha li kienet marret tiehu *shower* hemm. Tghid li bdiet tkellimha u xi hin wara marru l-Pulizija. Tghid li hi ma tafx ta' min hu l-garaxx in kwistjoni.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li, dakinhar li giet imwaqqfa, il-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fil-garaxx u elevaw xi affarijiet. Ghad-domanda jekk qattx dahlet f'dan il-garaxx, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, xehdet ukoll l-imputata **Joan Difesa** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn bdiet billi tghid illi zmien qabel kienet tahdem fuq il-monti. Mistoqsija tghid ta' min kien it-tilar

tghid li kien taghha. Tghid li l-licenzja kienet taghha wkoll. Mistoqsija tghid x'gara dakinhar tal-akkadut, tghid li hija ta' kuljum kienet tmur gol-garaxx in kwistjoni biex tuza l-affarijiet tal-banju. Tghid li t-tilar kien il-boghod mill-monti. Tghid li kellha c-cavetta tal-garaxx pero li kienet giet moghtija lilha mir-ragel tal-kugina ta' missierha li kien qalilha biex tmur fil-garaxx f'kaz li riedet taghmel *toilet*. Mistoqsija tghid x'kien fih dan il-garaxx tghid li ma tafx u li ma kienitx taghti kaz. Tghid li dan ir-ragel li semmiet kellu wkoll in-negozju fuq il-monti liema negozju kien jikkonsisti fi hwejjeg u, jista' jaghti, l-kaz xi CDs ukoll. Tghid li hi kienet kemm tidhol u tohrog minn dan il-post u li ma kienet thallas l-ebda kera tal-fond. Mistoqsija tghid kemm kienet ilha tuzah dan il-post, wiegbet madwar xahar. Wara li ntqal lilha li isem dan il-persuna kien Renald hija qalet li kunjomu kien Hormstick (?!).

**Joan Difesa** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' April 2015 (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn qalet li l-garaxx fejn giet imwaqqfa kien ta' Renald Formston. Mistoqsija tghid kif kellha access ghalih tghid li dakinhar qaltlu li kienet hierga u staqsietu jekk setghetx tmur tinhasel u hu taha c-cavetta dak il-hin. Tghid li meta dakinhar giet imwaqqfa mill-Pulizija kienet fil-bieb titkellem maz-zija taghha l-imputata Jennifer Bonnici. Tghid li minn fuq il-persuna taghha ma gie elevat xejn. Tghid li dak li gie elevat mill-Pulizija gie elevat minn gol-garaxx. Tghid li fil-garaxx kien hemm il-*van* tal-monti ta' Formston. Tghid li l-Pulizija sabu zewg basktijiet gol-garaxx pero mhux gol-*van*.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn gie mistoqsi numru ta' domandi rigward is-CDs u d-DVDs li gew elevati.

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 100 *et seq.*) fejn qal li kien nominat mill-Qorti fuq talba tad-difiza sabiex jaghmel *sampling* tal-prodott elevat biex jara jekk dan kienx konformi ma' dak li f'kawzi ohra hu kien eleva minn ghand l-imputat Joseph Difesa. Jispjega kif sar is-*sampling* rikjest. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 102 *et seq.*). F'dan ir-rapport gie konkluz is-segwenti:

> "Illi, mill-analizi fuq il-kampjun ma' prodott li kien jigi elevat minghand Joseph Mary Difesa, jirrizulta li hemm differenza fil-Media Brand li ntuzat biex jigu kkopjati (*burnt*) dawn l-*optical diskettes.*
>
> Illi, mill-esperjenza ta' numru ta' snin fejn ghal diversi drabi l-esponent kien nominat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex janalizza *optical diskettes* elevati minghand Joseph Mary Difesa, qatt ma ntaqa' ma' Media Brand tal-kampjun ezaminat.
>
> Illi, fil-konfront tal-*inlay* u *packing*, kull min kien jarma b'dan il-prodott fuq il-monti tal-belt Valletta kien uza l-istess tip ta' *inlay* u *packing*".[1]

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija konxja li l-atti processwali jikkontjenu l-istqarrijiet rilaxxati mit-tliet imputati. Jirrizulta li dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati fil-21 ta' Awwissu 2003 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of*

[1] *A fol.* 105.

*this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*[…]*

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-

kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinetx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[2] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[3] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[3] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

*"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, ghalhekk la darba l-istqarrijiet tal-imputati ttiehdu minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, dawn l-istqarrijiet ma jistghux jigu meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartahom. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkunu ghamlu l-imputati minghajr ma jkunu gew moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkunu ghamlu lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr xi hadd mill-imputati waqt l-investigazzjoni, b'mod partikolari meta l-Ufficjal

Prosekutur xehed li l-imputat Difesa qallu li l-affarijiet in kwisjtoni li nstabu fil-garaxx kienu tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-Qorti tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz

**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-imputati kollha jinsabu akkuzati b'reati relatati ma' qerq fil-kummerc u fl-industriji u kif ukoll ma' ksur ta' drittijiet tal-awtur, l-imputat Difesa wahdu jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward <u>tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet</u> addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tinnota li l-atti processwali huma pjuttost skarsi fil-provi (jew addirittura ma hemm xejn fihom!) fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet u dana minkejja li din il-kawza damet ghaddejja numru ta' snin gmielu! Apparti l-fatt li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fid-depozizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur Abdilla, mill-inkarigu moghti lil Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn li jista' b'xi mod jitfa' xi dawl fuq l-imputati fir-rigward ta' dak ezaminat minnu. A skans ta' ripetizzjoni mhux ser terga' ssir riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti minn Dr. Bajada fir-rapport tieghu *stante* li dan diga sar aktar il-fuq f'din is-sentenza. Maghdud ma' dan, il-Qorti tinnota li mid-depozizzjoni moghtija mill-imputati f'dawn il-proceduri huma jichdu l-involviment taghhom f'dak addebitat lilhom.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputati huma hatja tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputati fir-rigward tal-ewwel

zewg imputazzjonijiet u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputati mill-imputazzjonijiet imsemmija. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, liema imputazzjoni tirrigwarda biss lill-imputat Difesa fejn l-imsemmi imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv, tenut kont tal-fatt li l-imputat Difesa mhux ser jinstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni u b'hekk l-imputat Difesa ser jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Joseph Mary Difesa, Jennifer (Genoveffa) Bonnici neé Difesa u Joan Difesa hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

____________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

____________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**